MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 111/2010

**Virginia Borg Cardona ID 768225M**
**Stanley Borg Cardona ID 808147M**
**Colin Borg Cardona ID 1350M**
**Christopher Borg Cardona ID 643751M**
**Dr. Adrian Borg Cardona ID 538653M**
**Simon Borg Cardona ID 578964M**

**vs**

**Regency Car Hire Limited (C-634)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi huma jikru lis-socjeta intimata l-garaxx numru 28 fi Triq San Fragisk, Balzan u deskritt bhala konfinati mill-Lvant mal-imsemmija triq, minn Nofsinhar ma' propjeta' tal-esponenti u mit-Tramuntata ma' propjeta aventi causa Dr. Giuseppe Pace.

2. Illi dan il-fond kien inghata minn Maurice Borg Cardona, ragel u missier tal-esponenti, u predecessur fit-titolu taghhom, illum mejjet, bit-titolu ta’ subenfitewsi temporanju ghal hamsin sen ali bdew fl-1 ta’ April, 1967 lis-socjeta’ Poultry Products Limited bis-sahha ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Joseph Gatt fis-26 ta’ Gunju, 1967 u dana bic-cens ta’ Lm250 (illum €582.34) fis-sena. Kopja Dok A.

3. Illi bis-sahha ta’ skrittura privata datata 15 ta’ Marzu, 1978, is-socjeta’ Poultry Products Limited bhala subutilista ikkoncediet b’titolu ta’ lokazzjoni l-isetss garaxx lis-socjeta’ intimata Regency Car Hire Limited ghal rimanenti perjodu ta’ wiehedu erbghin sena b’effet mill-1 ta’ Lulju, 1976 u dana bil-kera ta’ Lm350 (illum €815.28) fis-sena. Kopja Dok B.

4. Illi bis-sahha ta’ kuntratt ippubblikat minn Nutar Joseph Henry Saydon fil-11 ta’ Lulju, 1984, l-imsemmi Maurice Borg Cardona u s-socjeta’ Poultry Products Limited irrixxendew l-imsemmi koncessjoni subenfitewtika izda fl-istess kuntratt ta’ rexissjoni l-partijiet iddikjaraw u qablu li (a) l-garaxx huwa mikri lil Regency Car Hire Limited bil-kera ta’ Lm350 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem liema kera hija mhallsa sat-30 ta’ Gunju, 1984 u (b) li l-kera li jmiss ghandu jithallas lil Maurice Borg Cardona. Kopja Dok C.

5. Illi jsegwi ghalhekk illi Maurice Borg Cardona dahal fiz-zarbun ta’ Poultry Products Limited ghar-rigward tal-lokazzjoni maghmulha bl-iskrittura tal-15 ta’ Marzu, 1978 (esebita fuq bhala Dok B) u r-relazzjoni lokatizzja bejn l-esponenti bhala aventi causa minnu u s-socjeta’ intimata hija regolata bl-imsemmija skrittura tal-15 ta’ Marzu, 1978 u konsegwentement il-lokazzjoni tispicca fl-eghluq tal-perjodu miftiehem ta’ wiehed u erbghin sena u cioe’ fit-30 ta’ Gunju, 2017 a’ tenur tal-proviso ghal Artiklu 1531I Kap 16.

6. Illi s-socjeta’ intimata mhiex qed taqbel ma dan kif jidher mill-ittra taghha tal-5 ta’ Lulju, 2010 (kopja Dok

D) u minkejja ir-risposta tal-esponenti datata 12 ta' Lulju, 2010 (kopja Dok E), baqghet tinsisti li l-lokazzjoni tispicca wara ghoxrin sena mill-1 ta' Gunju, 2008, kif jidher mill-korrispondenza skambjata ezebita bhala Dok F (ittra 14 ta' Lulju, 2010), Dok G (ittra 20 ta' Lulju, 2010) u Dok H (ittra 27 ta' Lulju, 2010)

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu illi dan il-Bord, kif awtorizzat bl-Artikolu 16(4) Kap 69, jiddetermina illi:

a) Ir-relazzjoni lokatizzja bejn il-partijiet hija regolata unikament mill-iskrittura tal-15 ta' Marzu,1978;

b) Konsegwentement, il-lokazzjoni ghadha fil-perjodu kontrattwali taghha tal-wiehed u erbghin sena li bdew fl-1 ta' Lulju, 1976 u jaghlqu fit-30 ta' Gunju, 2017;

c) Konsegwentement, ghandu japplika l-proviso tal-Artiklu 1531I tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi l-perjodu stipulat fil-kuntratt ghandu japplika u li s-socjeta' ntimata ma ghandha assolutament l-ebda dritt iggedded il-lokazzjoni u tibqa' in okkupazzjoni wara t-30 ta' Gunju, 2017.

Bl-ispejjez.

Ra ir-risposta ta' Regency Car Hire Limited:

Illi l-intimata tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti bhala inforndati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Preliminarjament, l-intempestivita' tat-talbiet:

1.1 Illi t–talba finali u principali tar-rikorrenti hija fis-sens illi l-Bord jiddikjara illi l-intimata ma ghandha 'assolutament ebda dritt iggedded il-lokazzjoni u tibqa' in okkupazzjoni wara t-30 ta' Gunju, 2017'.

1.2 Illi dawn il-proceduri huma ghalhekk manifestament intempestivi.

2. Preliminarjament, in-nuqqas ta’ interess guridiku tar-rikorrenti:

2.1 Illi jsegwi wkoll illi r-rikorrenti m’ghandhomx l-interess guridiku necessarju sabiex iressqu t-talbiet taghhom kif redatti ghaliex qed ifittxu dikjarazzjonijiet illi ma jistghu iwasslu ghal ebda rimedju gudizzarju finali u effettiv.

2.2 Illi inoltre r-rikorrenti ma huma bl-ebda mod qed jallegaw ‘stat attwali ta’ ksur ta’ jedd’ li jista’ jaghti lok ghall-interess guridiku rikjest mill-ligi.

3. Fil-mertu: b’applikazzjoni tal-Artiklu 1531 I il-lokazzjoni de quo tittermina fl-2028 u mhux f’Gunju, 2017 kif qed isostnu r-rikorrenti:

3.1 Illi l-esponenti originarjament kriet il-garaxx numru 28, Triq San Frangisk, Balzan minghand Poultry Products Limited illi min-naha taghha kienet izzomm il-propjeta’ b’titolu ta’ sub-emfitewzi temporanja minghand Maurice Borg Cardona, illum mejjet.

3.2 Illi l-koncessjoni sub-enfitewtika temporanzja giet rexissa permess ta’ kuntratti tal-11 ta’ Lulju,1984 u l-esponenti bdiet thallas il-kera lil Borg Cardona.

3.3 Illi kuntrarjament ghal dak li qed isostnu r-rikorrenti, bhala konsegwenza tar-rexissjoni tas-sub-enfitewzi, il-kirja tal-fond inbidlet f’kirja bejn l-esponenti u Borg Cardona illi tiggedded minn sena ghal sena fid-diskrezzjoni tal-inkwilin.

3.4 Illi ghalhekk b’applikazzjoni tal-Artiklu 1531 I tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-kirja tittermina fl-1 ta’ Gunju, 2028 u mhux fl-2017 kif qed isostnu r-rikorrenti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgha is-sottomissjonijiet verbali tad-difesnur tar-rikorrenti u ra n-noti ta’ sottomissjonijiet taz-zewg partijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi kawza ta’ din in-natura hija pjuttost insolita quddiem dan il-Bord u din naturalment gibdet l-objezzjoni tas-socjeta’ intimata bl-eccezzjonijiet preliminari appena citati dwar l-intempestitivita’ tal-azzjoni kif ukoll dwar in-nuqqas ta’ interess guridiku tar-rikorrenti. Ghalhekk il-Bord qieghed jghaddi sabiex *in primis* jiddetermina dawn l-ewwel eccezzjnijiet preliminari. Qabel xejn ikun opportun li jkunu rikapitolati l-fatti li taw lok ghal din il-kawza minn fejn jirrizulta terren komuni illi l-fond in kwistjoni huwa okkupat b’titolu ta’ lokazzjoni mis-socjeta’ intimata u dan permezz ta’ skrittura privata bejnha u bejn is-socjeta’ Poultry Products Limited bid-data tal-15 ta’ Marzu 1978 ghall-perjodu ta’ 41 sena. Poultry Products Limited setghet taghmel din il-koncessjoni bhala subutilista’ tal-fond ghaliex din kienet akkwistat is-subenfitewsi temporanju ghal perjodu ta’ hamsin sena mill-1 t’April 1967 minghand Maurice Borg Cardona atti tan-Nutar Joseph Gatt tas-16 ta’ Gunju 1967. Bi ftehim sussegwenti, dan l-ahhar imsemmi att kien rexiss u ghalhekk Poultry Products Limited harget mill-istampa fejn allura is-socjeta’ intimata Regency Car Hire Limited bdiet thallas il-kera annwali lir-rikorrenti Borg Cardona (ara punt 3.2 risposta tas-socjeta’ intimata). Wara li r-rikorrenti ikkomunikaw mas-socjeta’ intimata sabiex javzawha illi kawza tar-rexissjoni hija ghandha titolu ta’ lokazzjoni validu sat-30 ta’ Gunju tas-sena 2017 jigifieri 41 sena mil-1.7.1976, s-socjeta’ intimata objettat u qed issostni illi perjodu lokatizju jintemm fit-30 ta’ Gunju 2028 u dan ghaliex wara ir-rexissjoni, l-kirja inbidlet f’wahda gdida bejn Borg Cardona u s-socjeta’ intimata bil-konsegwenza illi din issa hija regolata b’dak li jipprovdi l-artikolu 1531 I tal-Kodici Civili Kap 16. Ir-rikorrenti invece isostnu illi

huma assumew id-drittijiet u l-obbligi kollha tas-socjeta' Poultry Products Limited wara l-imsemmija rexissjoni;

Is-socjeta' intimata abbinat flimkien l-eccezzjoni tal-intempestivita' tal-azzjoni ma' dak tan-nuqqas ta' interess guridiku u dan huwa komprensibbli ghaliex it-tieni eccezzjoni mhix immirata biex turi li ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet qua sid u kerrej ghaliex din hija akkolta miz-zewg partjiet. Hija invece immirata sabiex tattakka dak l-interess guridiku naxxenti minn dritt litigjuz bejn il-partijiet u s-socjeta' intimata qed issostni li dan id-dritt, ghad li jista' jirrizulta fl-2008 mat-tmiem tal-kirja, ghandu mhux ezistenti llum u kwindi din l-intempestivita' tekwivali ghan-nuqqas ta' interess guridiku bejn il-partijiet;

Il-Bord ezamina l-gurisprudenza citata mis-socjeta' intimata u jidher illi ghalkemm ccitat b'mod fidil l-insenjament tal-Qrati taghna, ma jistax jasal ghall-istess konkluzzjonijiet raggunti mill-abbli difensuri taghha. Is-socjeta' intimata ccitat, *inter alia* l-kawza fl-ismijiet **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi et PA 23.03.2003** fejn kien hemm deciz illi l-attur ma kellux interess guridiku ghaliex huwa kien iddispona mil-art tieghu wara li ghamel kostruzzjoni fuqha u ghalhekk ma setghax jipproponi domanda f'gudizzju u jmantni l-istess jekk ukoll ma kollux interess fiha. Opportunement ikun riprodott dik is-silta rilevanti minn din is-sentenza izda jehtieg dejjem jinzamm fil-mira l-fatt illi f'dak il-kaz l-attur kien zvesta ruhu mill-proprjeta' li dwarha kien qed jaghmel il-kawza wara li l-garr kien zviluppa in eccess tal-linja divizorja b'mod li invada hwejjeg l-attur li izda ma kienx ghadu sid tal-art lamentata:

Kif akkolt fil-gurisprudenza "biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" ("**Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello**", Appell Civili, 13 ta' Frar 1953), "b'mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" ("**Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta'

Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista’ jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (“**Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et**”, Appell Civili, 27 ta’ Mejju 1991; “**Albert Calleja –vs- Orazio Micallef**”, Appell Civili, 1 ta’ April 1992);

Din l-istess Qorti rriteniet illi dan l-interess jehtieg li jkun konkret u mhux ipotetiku u din hija proprju l-obbjezzjoni sollevata mis-socjeta’ intimata fil-kawza odjerna u dan hu fejn l-Bord ma jaqbilx ma’ din is-sottomissjoni ghaliex kif jghidu r-rikorrenti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, l-azzjoni minnhom tentata kienet proprju necessitata ghaliex ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar kif ghandha tkun regolata din il-lokazzjoni wara li r-rikorrenti dahlu fiz-zarbun tal-enfitewta. Is-socjeta’ intimata tghid li din mhix kawza fejn qed jintalab l-izgumbrament taghha mill-fond lokat u ghalhekk ma setghetx tkun proposta ghaliex mhix ser twassal ghall-imkien. Huwa minnu illi r-rikorrenti mhumiex qed jitolbu l-izgumbrament izda huwa evidenti illi d-domandi taghhom huma preordinati ghal domanda jew domandi ohra definittivi jew finali. Fil-kawza Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et deciza fid-9 ta’ Mejju 2005 (APP Civ 771/2001/1) kien ritenut hekk:

Kif il-Qorti tal-Appell irriteniet fis-sentenza Darmenia vs l-Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier, deciza fit-18 ta’ Frar 1966 “(F)is-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m’humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta’ semplici dikjarazzjoni li tista tkun preordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, avvolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l-iehor jista’ jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali mhux ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax.” Dan il-principju gie diversi drabi ribatit mill-Qrati Maltin. Konsegwentement, id-dikjarazzjoni li talab l-attur appellant fic-citazzjoni tieghu tista tigi kkunsidrata biss jekk il-qorti tkun perswaza li jekk jottjeni din id-dikjarazzjoni, tali dikjarazzjoni tkun tista’ tifforma l-bazi ghall-proceduri ohra, cioe’ ghall-proceduri [f’dak il-kaz] ta’ ritrattazzjoni.

Fil-kaz appena citat, l-attur ritrattand ttenta jottjeni dikjarazzjoni mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, illi s-sentenza

ottenuta mill-konvenut mill-Bord li Jirregola l-Kera kien hekk ottenuta b'dikjarazzjonijiet foloz da parti tal-konvenut u b'ezitu favorevoli kien fi hsiebu jintavola proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem l-istess Bord. Il-Qorti tal-Appell kkonfermat ic-cahda tal-ewwel Qorti izda l-insenjament citat *supra* ghandu applikabilita' ghall-kawza odjerna meta jippuntwalizza l-aspett tad-domanda preordinata gialadarba r-rikorrenti, naturalment fic-cirkostanza ta' ezitu favorevoli ghalihom fil-mertu, ikunu jista' jagixxu kontra s-socjeta' intimata fl-2017 u f'kaz sfavorevoli, ikunu jistghu jaghmlu hekk biss wara l-2028. Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Av. Dr. Francis Lanfranco et**, kienu elenkati b'mod ezawrenti l-elementi tal-interess guridku fejn il-Qorti rrikonoxxiet fost ohrajn l-principju li l-interess mhux necessarjament ikun ikkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid izda jista' jkun wiehed morali "imbasta l-jedd ma jkunx wiehed ipotetiku". Opportunement qed tkun citata din il-parti dispostitiva ta' din is-sentenza meta l-Qorti rriteniet hekk:

Dawn il-principji huma s-segwenti:
(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.
(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;
(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmulha kontriha.
(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.
(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk linteress jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;
(vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux

mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;
(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista’ jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta’ accertament. Madankollu, f’kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista’ ssir aktar ’l quddiem;
(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, imma jista’ jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku.
(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta’ lattur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Opportunement ukoll ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Edrichton Estates Limited vs Munro Phillips and Company Limited deciza per Onor. Mhallef R. C Pace** fit-2 t’Ottubru 2003 liema sentenzi iwasslu ghall-konvinciment ta’ dan il-Bord illi r-rikorrenti odjerni ghandhom dak l-interess guridiku mehtieg konsistenti f’domanda preordinata ghall-azzjoni futura, liema domanda mhix wahda ipotetika u hija ta’ vantagg ghalihom stante li jehtiegu decizjoni mill-Bord dwar il-*quid iuris* bejnhom u s-socjeta’ intimata.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjonijiet preliminari tas-socejta’ intimata bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------